32004R0085

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 85/2004
tal-15 ta' Jannar 2004
li jistabbilixxi l-kriterji ta' klassifika tas-suq għat-tuffieħ

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix ta' l-ikel ([1]), u l-aktar l-Artikolu 2(2),

Billi:

(1) It-tuffieħ huwa fost il-prodotti mniżżla fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2200/96 u li għalih għandhom jiġu addottati kriterji ta' klassifika. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1619/2001 tas-6 ta' Awissu 2001, li jwaqqaf il-kriterji ta' klassifika għat-tuffieħ u l-lanġas waqt li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 920/89 ([2]), iwaqqaf kriterju ta' klassifika tas-suq għat-tuffieħ u l-lanġas.

(2) Fl-interess tat-trasparenza, il-Grupp ta' Ħidma fuq il-klassifikazzjoni ta' prodotti li jintemmu u l-iżvilupp tal-kwalità tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tal-Ġnus Magħquda (UN/ECE) kien iddeċida li r-regoli fuq it-tuffieħ għandhom jinfirdu minn dawk tal-lanġas. Barra minn hekk, fejn għandhom x'jaqsmu d-diżposizzjonijiet marbuta mal-kwalità u d-daqs, dan kien iddeċieda wkoll li jaġġorna l-klassifika FFV-50 tal-UN/ECE dwar it-tpoġġija fis-suq u l-kontroll tal-kwalità kummċerjali tat-tuffieħ. Fl-interess li tinżamm it-trasparenza fuq is-suq dinji, ir-Regolament (KE) Nru 1619/2001 għandu jitħassar waqt li jiġu addottati, kif jixraq, żewġ kriterji ġodda ta' klassifika tas-suq għat-tuffieħ u l-lanġas rispettivament.

(3) Il-kriterji ewlenin ta' maturità imwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 1619/2001 huma d-definizzjoni tad-daqs minimu tat-tuffieħ. Waqt li jitqiesu l-iżviluppi tekniċi reċenti dwar il-metodi dwar kif jitkejlu s-sħuħija u l-kontenut ta' zokkor kif ukoll is-swieq ġodda ta' tuffieħ matur ta' daqs żgħir, id-daqs minimu applikabbli għat-tuffieħ fil-Komunità għandu jitnaqqas, waqt li għandhom jitpoġġew fis-suq kriterji ġodda ta' maturità, bħalma huma l-kontenut ta' zokkor u s-sħuħija, li jiżguraw li dan it-tnaqqis fid-daqs minimu ma jkunx jinkludi frott li ma jkunx matur biżżejjed u/jew żviluppat.

(4) Waqt li huwa meħtieġ aktar xogħol biex tiġi mfissra sewwa d-definizzjoni ta' dawn il-kriterji l-ġodda, fl-istess ħin li jitqiesu l-karatteristiċi tal-varjetà dwar id-daqs tat-tuffieħ, it-twettiq tat-tnaqqis tad-daqs minimu għandu jiddewwem sa l-1 ta' Awissu 2005, waqt li jitwaqqfu sa dakinhar miżuri proviżorji dwar il-daqs.

(5) L-applikazzjoni għal dawn il-kriterji ġodda ta' klassifika għandhom ineħħu mis-suq prodotti ta' kwalità mhix tajba, waqt li jġibu l-produzzjoni fi qbil mal-kriterji tal-konsumatur u jħaffu l-kummerċ imsejjes fuq kompetizzjoni imparzjali, u li b'hekk tkun tista' titjieb il-profitabbiltà.

(6) Il-kriterji ta' klassifika jgħodu għat-taqsimiet kolha tas-suq. It-trasport fuq distanzi twal, il-ħażna fuq ċertu perjodu, kif ukoll il-proċessi differenti li l-prodotti jgħaddu minnhom jistgħu joħolqu livell ta' tagħriq minħabba l-iżvilupp bijoloġiku tal-prodotti jew in-natura tagħhom stess li jintemmu. Dan it-tagħriq għandu jitqies sew meta jitħaddem il-kriterju ta' klassifika fit-taqsimiet tas-suq wara d-dispaċċ.

(7) Minħabba li l-prodotti fil-klassi "Extra" għandhom jintgħażlu u jiġu ppakkjati b'attenzjoni kbira, għandhom jitqiesu biss, fil-każ ta' dawn, in-nuqqas ta' benna u l-qawwa tan-nefħa.

(8) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Frott u l-Ħaxix ta' l-Ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kriterju ta' klassifika tat-tpoġġija fis-suq għat-tuffieħ li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi CN ex 0808 10, għandu jkun stabbilit fl-Anness.

Il-kriterju ta' klassifika għandu jkun jgħodd fit-taqsimiet kollha tas-suq taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

([1]) ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 64).

([2]) ĠU L 215, tad-9.8.2001, p. 3. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 46/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 61).

Madankollu, fit-taqsimiet ta' wara d-dispaċċ, il-prodotti jistgħu juru, f'rabta mal-kriterji tal-kriterju ta' klassifika:

— nuqqas ħafif ta' benna u qawwa fin-nefħa,,

— għall-prodotti mpoġġija fi klassijiet għajr il-klassi "Extra", it-tagħriq ħafif minħabba l-iżvilupp tagħhom u t-tendenza li dawn jintemmu.

Artikolu 2

Sal-31 ta' Lulju 2005, id-diżposizzjonijiet li ġejjin dwar id-daqs għandhom ikunu jgħoddu:

(a) meta d-daqs jiġi stabbilit skond id-dijametru, huwa meħtieġ dijametru minimu fil-klassijiet kollha li ġejjin:

	Extra	I	II
Varjetajiet kbar tal-frott	70 mm	65 mm	65 mm
Varjetajiet oħra (1)	60 mm	55 mm	55 mm

(1) Il-lista mhix dettaljata ta' varjetajiet kbar tal-frott qed tingħata fl-appendiċi għall-Anness.

(b) meta d-daqs ikun stabbilit skond it-toqol, huwa meħtieġ li jkun hemm toqol minimu fil-klassijiet kollha li ġejjin:

	Extra	I	II
Varjetajiet kbar tal-frott	140 g	110 g	110 g
Varjetajiet oħra (1)	90 g	80 g	80 g

(1) Il-lista mhix dettaljata ta' varjetajiet kbar tal-frott qed tidher fl-appendiċi għall-Anness.

Artikolu 3

Ir-Regolament (KEE) Nru 1619/2001 qed jitħassar.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

It-tieni u t-tielet sotto-paragrafi tal-punt III ta' l-Anness jgħoddu biss mill-1 ta' Awissu 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fil-kumplessità tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Jannar 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru Tal Kommissjoni

L-ANNESS

IL-KRITERJU TA' KLASSIFIKA GĦAT-TUFFIEĦ

I. ID-DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan il-kriterju ta' klassifika jgħodd għat-tuffieħ ta' varjetajiet (varjanti) li jkunu tkabbru mill-Malus domestica Borkh u li għandhom jiġu fornuti friski lill-konsumatur; it-tuffieħ għall-ipproċessar industrijali qed jitħalla barra.

II. DIŻPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-KWALITÀ
L-għan tal-kriterju ta' klassifika huwa li jfisser il-kriterji ta' kwalità tat-tuffieħ, wara t-tħejjija u l-ippakkjar tiegħu.

A. **Kriterji minimi**

Fil-klassijiet kollha, u suġġett għad-diżposizzjonijiet speċjali għall kull klassi u t-tolleranzi awtorizzati, it-tuffieħ għandu jkun:

— bla mittiefes,

— b'saħħtu, il-produzzjoni ma tkunx affettwata mit-taħsir jew tagħriq b'tali mod li dan ma jkunx tajjeb għall-konsum,

— nadif, prattikament ħieles għal kollox minn kull materjal barrani li jidher,

— prattikment ħieles mid-dud u l-insetti qerrieda,

— prattikament ħieles mill-ħsara kkawżata mid-dud u l-insetti qerrieda,

— ħieles minn umdità mhux tas-soltu fuq barra,

— ħieles minn kull riħa u/jew togħma barranin.

Barra minn hekk, dawn iridu jkunu nġabru b'mod tajjeb.

L-iżvilupp u l-kondizzjoni tat-tuffieħ għandhom ikunu tali li dan:

— ikompli bil-proċess tiegħu ta' maturità u li jilħaq il-livell ta' maturità meħtieġ f'rabta mal-karatteristiċi tal-varjetà [1] [2],

— jiflaħ għall-ġarr u t-tqandil bl-idejn, u

— jasal f'kondizzjoni tajba fil-post tad-destinazzjoni.

B. **Klassifika**

It-tuffieħ huwa kklassifikat fi tliet klassijiet imfissra hawn taħt.

(i) *il-klassi "Extra"*

It-tuffieħ f'din il-klassi għandu jkun ta' kwalità ogħla. Fl-għamla, id-daqs u l-kulur, dawn għandhom ikollhom il-karatteristiċi tal-varjetà [3] u z-zokk ewlieni jrid ikun bla mittiefes.

Il-laħam irid ikun b'saħħtu perfettament.

Dawn għandhom ikunu ħielsa minn difetti bl-eċċezzjoni ta' difetti superfiċjali ħfief sakemm dawn ma jkunux jaffettwaw id-dehra ġenerali tal-produzzjoni, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fil-pakkeġġ.

(ii) *il-Klassi I*

It-tuffieħ f'din il-klassi għandu jkun ta' kwalità tajba. Fl-għamla, fid-daqs u l-kulur, dawn għandhom ikunu karatteristiċi tal-varjetà [4].

Il-laħam irid ikun b'saħħtu perfettament.

Id-difetti ħfief li ġejjin jistgħu, madankollu, jitħallew basta dawn ma jaffettwawx id-dehra ġenerali tal-prodott, il-kwalità, iż-żamma tal-kwalità u l-preżentazzjoni fil-pakkeġġ:

— difett żgħir fl-għamla,

— difett żgħir fl-iżvilupp,

[1] Minħabba l-karatterisitiċi varjetali tal-varjetà Fuji u u l-varjanti tagħha marbuta mal-maturità fi żmien li din tinħasad, il-kapsula radjali ta' l-ilma hija awtorizzata sakemm din tkun fl-għoqod arterjali ta' kull frotta.
[2] Għal dak il-għan, dawn għandhom juru kontenut tajjeb ta' solidi solubbli u l-grad ta' shuhija.
[3] Il-kriterji għall-kulur u l-ħmurija samranija qed jidhru fl-appendiċi għal dan il-kriterju ta' klassifika, kif ukoll lista mhix dettaljata tal-varjetajiet ikkonċernati skond kull kriterju.
[4] Il-kriterji għall-kulur u l-ħmurija samranija qed jidhru fl-appendiċi għal dan il-kriterju ta' klassifika, kif ukoll lista mhix dettaljata tal-varjetajiet ikkonċernati skond kull kriterju.

— difett żgħir fil-kulur,

— difetti żgħar fil-qoxra li m'għandhomx ikun iktar minn:

— 2 ċm fit-tul għad-difetti ta' għamla tawwalija,

— 1 ċm² ta' l-erja totali tal-wiċċ għal difetti oħra, ħlief għall-iskabbja (Venturia inaequalis), li m'għandhiex tkun aktar minn 0,25 ċm² ta' l-erja totali tal-wiċċ,

— kuħħaliet żgħar li ma jkunux aktar minn 1 ċm² ta' l-erja totali tal-wiċċ u li ma jkunux tilfu l-kulur.

Iz-zokk jista' jkun nieqes, sakemm il-kisra tkun waħda nadifa u l-qoxra tal-qrib ma jkollha l-ebda ħsara.

(iii) *il-Klassi II*

Din il-klassi tinkludi t-tuffieħ li ma jikkwalifikax biex jitniżżel fil-klassijiet ogħla, iżda jilħaq il-kriterji minimi imsemmija fuq fid-dettal [1].

Il-laħam għandu jkun ħieles minn difetti kbar.

Id-difetti li ġejjin huma awtorizzati sakemm il-frott iżomm il-karatteristiċi essenzali tiegħu dwar il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni:

— difetti fl-għamla,

— difetti fl-iżvilupp,

— difetti fil-kulur,

— id-difetti tal-qoxra m'għandhomx ikunu ikbar minn:

— 4 ċm fit-tul għal difetti ta' għamla tawwalija,

— 2,5 ċm² ta' l-erja totali tal-wiċċ għal difetti oħra, ħlief għall-iskabbja (Venturia inaequalis), li m'għandhiex tkun aktar minn 1 cm² ta' l-erja totali tal-wiċċ,

— kuħħaliet żgħar li ma jkunux aktar minn 1,5 ċm² ta' l-erja totali tal-wiċċ u li jistgħu jkunu tilfu xi ftit il-kulur.

III. DIŻPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DAQS

Id-daqs jiġi stabbilit jew skond id-dijametru massimu tat-taqsima ekwatorjali jew inkella skond it-toqol.

Meta d-daqs jitkejjel skond id-dijametru, id-dijametru minimu meħtieġ għal kull klassi għandu jkun kif ġej:

	Extra	Klassi I	Klassi II
Varjetajiet kbar tal-frott	65 mm	60 mm	60 mm
Varjetajiet oħra [1]	60 mm	55 mm	50 mm

[1] Il-lista mhix dettaljata ta' varjetajiet kbar ta' frott qed tidher fl-appendiċi għal dan il-kriterju ta' klassifika.

Meta d-daqs jitkejjel skond it-toqol minimu, it-toqol minimu meħtieġ għal kull klassi għandu jkun kif ġej:

	Extra	Klassi I	Klassi II
Varjetajiet kbar tal-frott	110 g	90 g	90 g
Varjetajiet oħra [1]	90 g	80 g	70 g

[1] Il-lista mhix dettaljata ta' varjetajiet kbar tal-frott tidher fl-appendiċi għal dan il-kriterju ta' klassifika.

Biex żgur ikun hemm uniformità ta' daqs fil-kaxxa ta' l-ippakkjar:

— għal frott li jkun tkejjel skond id-dijametru, id-differenza fid-dijametru bejn il-frott li jkun hemm fl-istess kaxxa għandha tkun illimitata għal:

— 5 mm għall-frott tal-klassi "Extra" u għall-frott tal-Klassi I u II li jkun ippakkjat f'ringieli u saffi [2],

— 10 mm għall-frott tal-Klassi I li fil-kaxxa jew fil-pakk tal-bejgħ ma jkunx marsus [3];

[1] Il-kriterji għall-kulur u l-ħmurija samranija qed jidhru fl-appendiċi għal dan il-kriterju ta' klassifika, kif ukoll lista mhix dettaljata tal-varjetajiet ikkonċernati skond kull kriterju.

[2] Madankollu, għat-tuffieħ tal-varjetajiet Nebbiet ta' Bramley (Bramley, Triomphe de Kiel) u Horneburger, id-differenza fid-dijametru tista' tkun sa 10 mm.

[3] Madankollu, għat-tuffieħ tal-varjetajiet Nebbiet ta' Bramley (Bramley, Triomphe de Kiel) u Horneburger, id-differenza fid-dijametru tista' tkun sa 20 mm.

— għall-frott li jkun tkejjel skond it-toqol, id-differenza fit-toqol bejn il-frott fl-istess kaxxa għandha tkun illimitata għal:

— 20 % tat-toqol medju tal-frotta individwali fil-kaxxa, għall-frott tal-klassi "Extra" u għall-frott tal-Klassi I u II li jkun ippakkjat f'ringieli u saffi,

— 25 % tat-toqol medju tal-frotta individwali fil-kaxxa, għall-frott tal-Klassi I li fil-kaxxa jew fil-pakk tal-bejgħ ma jkunx marsus.

Għall-frott tal-Klassi II, li fil-kaxxa ta' l-ippakkjar ma jkunx marsus, m'hemm l-ebda livell għall-uniformità tad-daqs.

IV. DIŻPOŻIZZJONIJIET DWAR IT-TOLLERANZI

Jistgħu jiġu permessi tolleranzi, dwar il-kwalità u d-daqs f'kull kaxxa, għall-prodott li ma jkunx jilħaq il-kriterji tal-klassi murija,

A. **Tolleranzi għall-kwalità**

(i) *il-klassi "Extra"*

5 % skond in-numru jew it-toqol tat-tuffieħ li ma jkunx jilħaq il-kriterji tal-klassi, iżda li jkun jilħaq dawk tal-Klassi I jew, b'mod kważi uniku, dak li jkun fit-tolleranzi għal dik il-klassi.

(ii) *Il-Klassi I*

10 % skond in-numru jew it-toqol tat-tuffieħ li ma jkunx jilħaq il-kriterji tal-klassi, iżda li jkun jilħaq dawk tal-Klassi II, jew b'mod kważi uniku, dak li jkun fit-tolleranzi ta' dik il-klassi.

(iii) *Il-Klassi II*

10 % skond in-numru jew it-toqol tat-tuffieħ li la jkun jilħaq il-kriterji tal-klassi u lanqas il-kriterji minimi, ħlief għall-prodotti affettwati mit-taħsir jew minn kull tagħriq ieħor li ma jagħmluhx tajjeb għall-konsum.

F'din it-tolleranza, qed ikun awtorizzat massimu ta' 2 % ta' numru jew ta' toqol ta' frott li jkun juri dawn id-difetti li ġejjin:

— attakki serji ta' sufra (żerriegħa morra) jew il-kapsula ta' l-ilma,

— ħsara żgħira jew xquq mhux imfejqa,

— traċċi żgħar ħafna ta' taħsir,

— il-preżenza ta' dud jew insetti li jġibu l-mard li jkunu fuq ġewwa u/jew ħsara fil-laħam li tkun ġejja minħabba d-dud jew l-insetti li jġibu l-mard.

B. **Tolleranzi għad-daqs**

Għall-klassijiet kollha:

10 % skond in-numru jew it-toqol tal-frott li ma jkunx jikkorrispondi għad-daqs minnufih 'il fuq jew 'l isfel minn dak immarkat fuq il-kaxxa, bil-frott ikklassifikat fl-iżgħar grad ikun awtorizzat varjazzjoni massima ta':

— 5 mm 'l isfel mid-dijametru minimu meta d-daqs jitkejjel skond id-dijametru,

— 10 g 'l isfel mit-toqol minimu meta d-daqs jitkejjel skond it-toqol.

V. DIŻPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-PREŻENTAZZJONI

A. **L-uniformità**

Il-kontenut ta' kull kaxxa ta' l-ippakkjar għandu jkun uniformi u jkollu biss tuffieħ ta' l-istess oriġini, varjetà, kwalità u daqs (jekk ikun imkejjel) u l-istess grad ta' maturità.

Fil-każ tal-klassi "Extra", l-uniformità tgħodd ukoll għall-kulur.

Il-kaxxi ta' l-ippakkjar ta' piż nett li ma jkunx jaqbeż il-5 kg jista' jkollhom fihom taħlita ta' tuffieħ ta' varjetajiet differenti, sakemm dawn ikunu uniformi fil-kwalità u, għal kull varjetà kkonċernata, fl-oriġini, fid-daqs (jekk ikun tkejjel) u fil-grad ta' maturità.

Minkejja d-diżposizzjonijiet ta' qabel f'dan il-punt, il-prodotti koperti b'dan ir-Regolament jistgħu jkunu mħallta, f'kaxxi ta' l-ippakkjar ta' piż nett ta' tliet kilogrammi jew anqas, b'tipi differenti ta' frott u ħaxix frisk, taħt il-kondizzjonijiet imwaqqfa bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 48/2003 [1].

Il-parti li tidher tal-kontenut tal-pakkeġġ trid tkun rappreżentattiva tal-kontenut kollu.

[1] ĠU L 7, 11.01.03, p. 65.

B. **Il-kaxex ta' l-ippakkjar**

It-tuffieħ għandu jkun ippakkjat b'tali mod li l-prodott ikun imħares tajjeb. L-aktar, il-kaxex ta' l-ippakkjar li jkollhom piż nett ta' iktar minn 3 kg għandhom ikunu b'saħħithom biżżejjed biex il-prodott ikun imħares sew.

Il-materjali użati ġewwa l-pakkeġġ iridu jkunu ġodda, nodfa u ta' kwalità ħekk li li jkun evitat milli ssir ħsara fuq barra jew fuq ġewwa tal-prodott. Huwa mħolli l-użu ta' materjali, l-aktar il-karta jew it-timbri li jkollhom id-deskrizzjonijiet kummerċjali, sakemm l-istampar jew l-ittikkettjar ikunu saru minn linka jew kolla li mhumiex tossiċi.

Il-kaxex ta' l-ippakkjar iridu jkunu ħielsa minn kull materjal barrani.

C. **Il-preżentazzjoni**

Għall-frott tal-klassi "Extra", il-frott irid ikun ippakkjat f'saffi.

VI. DIŻPOŻIZZJONIJIET DWAR L-IMMARKAR

Kull kaxxa ta' l-ippakkjar għandu jkollha d-dettalji li ġejjin, f'ittri miġbura fl-istess naħa, li jkunu jinqraw sew u ma jitħassrux, u li jkunu jidhru minn barra.

A. **L-identifikazzjoni**

L-ippakkjatur u/jew il-kurrier, l-isem u l-indirizz jew il-marka tal-kodiċi li tkun inħarġet jew ġiet aċċettata b'mod uffiċjali. Madankollu, fil-każ fejn tintuża marka ta' kodiċi, ir-referenza "l-ippakkjatur u/jew il-kurrier (jew abbrevjazzjonijiet simili)" għandha tintwera qrib il-marka tal-kodiċi.

B. **In-natura tal-prodott**

— "Tuffieħ" jekk il-kontenut ma jkunx jidher minn barra

— L-isem tal-varjetà jew varjetajiet fejn ikun jixraq.

— Fil-każi ta' kaxxi ta' l-ippakkjar li fihom ikun hemm taħlita ta' tuffieħ ta' varjetajiet differenti, l-isem ta' kull varjetà differenti li jkun hemm fil-kaxxa.

C. **L-orġini tal-prodott**

Il-pajjiż ta' l-oriġini u, mhux tabilfors, id-distrett fejn ikun tkabbar, jew l-isem tal-post nazzjonali, reġjonali jew lokali

— Fil-każ ta' kaxex ta' l-ippakkjar li fihom ikun hemm taħlita ta' varjetajiet ta' tuffieħ ta' oriġini differenti, l-indikazzjoni ta' kull pajjiż ta' l-oriġini għandha tkun tidher ħdejn l-isem tal-varjetà kkonċernata.

D. **L-ispeċifikazzjonijiet kummerċjali**

— Il-Klassi

— Id-daqs jew, għall-frott ippakkjat f'saffi, in-numru ta' l-unitajiet.

Jekk l-identifikazzjoni hija skond id-daqs, din għandha tkun megħduda:

(a) għall-prodotti sottomessi għar-regoli ta' l-uniformità, bħala dijametri minimi u massimi jew toqol minimu u massimu;

(b) għall-prodotti li ma jkunux sottomessi għar-regoli ta' l-uniformità, id-dijametru jew it-toqol ta' l-iżgħar frotta fil-kaxxa ta' l-ippakkjar segwit minn "u aktar" jew "+" jew denominazzjoni simili jew, fejn jgħodd, segwit mid-dijametru jew it-toqol ta' l-ikbar frotta.

E. **Il-marka uffiċjali tal-kontroll (b'għażla)**

Appendiċi

1. **Il-kriterji tal-kuluri, il-gruppi tal-kuluri u l-kodiċi**

Grupp ta' lewn	A (Varjetajiet ħomor)	B (Varjetajiet imħallta ta' lewn aħmar)	Ċ (Varjetajiet bl-istrixxi ftit imlewna)	D (Varjetajiet oħra)
	L-erja totali tal-wiċċ tal-karatteristika tal-lewn ħamrani tal-varjetà	L-erja totali tal-wiċċ tal-karatteristika tal-lewn ħamrani mħallat tal-varjetà	L-erja totali tal-wiċċ tal-karatteristika tal-lewn ħamrani ħafif, ibblaxxjat jew bl-istrixxi, tal-varjetà	
Klassi Extra	3/4	1/2	1/3	
Klassi I	1/2	1/3	1/10	L-ebda kriterju dwar il-lewn ħamrani
Klassi II	1/4	1/10	-	

2. **Il-kriterji tal-ħmurija samranija**

— Grupp R: Varjetajiet li għalihom il-ħmurija samranija hija karatteristika tal-qoxra u mhux difett jekk din tkun tikkorrispondi għad-dehra tipika tal-varjetà.

— Għall-varjetajiet li mhumiex immarkati bl-ittra "R" fil-lista t'hawn taħt, il-ħmurija samranija hija awtorizzata fil-limiti li ġejjin:

	Klassi 'Extra'	Klassi I	Klassi II	Tolleranza għall-Klassi II
(i) Irqajja' kannella	— mhux barra l-kanal taz-zokk	— tista' tmur ftit lil hinn mill-kanal taz-zokk jew tal-pistill	— tista' tmur lil hinn mill-kanal taz-zokk jew tal-pistill	— frott li ma jkunx juri nuqqas serju middehra u l-kondizzjoni tal-kaxxa ta' l-ippakkjar
	— mhix ħarxa	— mhix ħarxa	— ftit ħarxa	
(ii) Ħmurija samranija		L-erja massima tal-wiċċ tal-frott li hija awtorizzata		
— ħmurija samranija rqiqa f'għamla ta' xibka (li ma tkunx tikkuntrasta ħafna mal-kulur ġenerali tal-frotta)	— traċċi ħfief u iżolatita' ħmurija samranijali ma jkunux jibdlu d-dehraġenerali tal-frottajew tal-kaxxa ta' l-ippakkjar	1/5	1/2	— frott li ma jkunx juri nuqqasserju middehra u l-kondizzjoni tal-kaxxa ta' l-ippakkjar
— tqil	— xejn	1/20	1/3	— frott li ma jkun juri nuqqasserju middehra u l-kondizzjoni tal-kaxxa ta' l-ippakkjar
— difetti kumulattivi (ħlief għall-irqajja' kannella li huma mħollija barra minn dawn id-difetti kumulattivi). Fl-ebda każ il-ħmurija samranija rqiqa u dik bostanija meħudin flimkien m'għandhom jaqbżu l-massimu ta':	—	1/5	1/2	— frott li ma jkunx juri nuqqasserju middehra u l-kondizzjoni tal-kaxxa ta' l-ippakkjar

3. **Il-kriterji tad-daqs:**

Grupp L: il-varjetajiet kbar ta' tuffieħ msemmija fit-tieni sotto-paragrafu tat-Titlu III tal-kriterju preżenti ta' klassifika.

4. **Il-lista mhix dettaljata tal-varjetajiet ta' tuffieħ magħżula skond il-kriterji tal-kulur, tal-ħmurija samranija u tad-daqs:**

Il-frott ta' varjetajiet li ma jiffurmawx parti mil-lista għandhom ikunu kklassifikati skond il-karatteristiċi varjetali tagħhom.

Uħud mill-varjetajiet imniżżla f'din il-lista li ġejja jistgħu jitpoġġew fis-suq taħt ismijiet kummerċjali li għalihom kien intalab jew inkiseb il-harsien tal-marka kummerċjali f'xi pajjiż jew pajjiżi. L-ewwel żewġ kolonni tat-tabella t'hawn taħt ma jinkludux dawn l-ismijiet kummerċjali. Referenzi għal ismijiet kummerċjali magħrufa iddaħħlu fit-tielet kolonna għal tagħrif biss.

Varjetà	Sinonimi	Ismijiet kummerċjali	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
African Aħmar		African Carmine™	B		
Akane	Tohoku 3	Primerouge®	B		
Nebbiet ta' l-Alborz			Ċ		
Aldas			B		L
Alice			B		
Alkmene	Windsor bikri		Ċ		
Alwa			B		
Angold			Ċ		L
Apollo	Sbuħija ta' Blackmoor		Ċ		L
Arkcharm	Arkansas Nru 18 A18		Ċ		L
Arlet			B	R	
Varjanti ta' l-Aroma			Ċ		
Aħmar ta' l-Aroma, per eżempju Aroma Amorosa			B		
Auksis			B		
Belfort	Pella		B		
Belle de mutants u Boskoop			D	R	L
Belle fleur doppja			D		L
Berlepsch	Freiherr von Berlepsch		Ċ		
Berlepsch rouge	Berlepsch Aħmar Roter Berlepsch		B		
Blushed Golden					L
Bohemia			B		L
Boskoop rouge	Red Boskoop Roter Boskoop		B	R	L

Varjetà	Sinonimi	Ismijiet kummerċjali	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Braeburn			B		L
Varjanti ħomor tal-Braeburn, per eżempju:			A		L
Hidala		Hilwell®			
Joburn		Aurora™			
		Red Braeburn™			
		Southern Rose™			
Lochbuie Aħmar Braeburn		Redfield®			
Mahana Aħmar		Eve™			
Mariri Aħmar		Red Braeburn™			
		Southern Rose™			
Redfield		Red Braeburn™			
Royal Braeburn		Southern Rose™			
Nebbiet tal-Bramley	Bramley Triomphe de Kiel		D		L
Brettacher Sämling			D		L
Calville (grupp ta' …)			D		L
Cardinal			B		
Carola	Kalco		Ċ		L
Caudle		Cameo™	B		
Charden			D		L
Charles Ross			D		L
Civni		Rubens®	B		
Coromandel Aħmar	Corodel		A		
Cortland			B		L
Cox's orange pippin u l-varjanti tagħha	Cox Orange		Ċ	R	
Varjanti ħomor tal-Cox's Orange Pippin, per eżempju:			B	R	
Cherry Cox					
Crimson Bramley					L
Cripps Pink		Pink Lady®	Ċ		
Cripps Aħmar		Sundowner™	Ċ [1]		
Dalili		Ambassy®	Ċ		L
Dalinbel			B		
Delblush		Tentation®	D		L
Delcorf u l-varjanti, per eżempju:		Delbarestivale®	C		L
Dalili					
Monidel		Ambassy®			

Varjetà	Sinonimi	Ismijiet kummerċjali	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Delgollune		Delbard Jubilé®	B		L
Delicious ordinaire	Ordinary Delicious		B		
Deljeni		Primgold®	D		L
Delikates			B		
Delor			Ċ		L
Discovery			C		
Nebbiet tad-Dunn			D	R	
Dykmanns Zoet			Ċ		
Egremont Russet			D	R	
Elan			D		L
Elise	Red Delight	Roblos®	A		L
Ellison's orange	Ellison		Ċ		L
Elstar u l-varjanti, per eżempju Daliter Elshof Elstar Armhold Elstar Reinhardt Varjanti ħomor ta' l-Elstar, per eżempju: Bel-El Daliest Goedhof Elstar Aħmar Valstar		 Elton™ Red Elswout™ Elista™ Elnica™	Ċ B		
Empire			A		
Falstaff			Ċ		
Fiesta	Pippin Aħmar		Ċ		
Florina		Querina®	B		L
Fortune			D	R	
Fuji u l-varjanti			B		L
Gala			Ċ		
Varjanti ħomor tal-Gala, per eżempju:			A		
Annaglo					
Baigent		Brookfield®			
Galaxy					
Mitchgala		Mondial Gala®			
Obrogala					
Regala					
Regal Prince					
Tenroy		Gala Must® Royal Gala®			
Garcia			D		L
Ginger Gold			D		L

Varjetà	Sinonimi	Ismijiet kummerċjali	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Gloster			B		L
Goldbohemia			D		L
Il-varjanti tal-Golden u Delicious			D		L
Golden Russet			D	R	
Golden Supreme	Gradigold		D		L
Goldrush	Coop 38		D		L
Goldstar			D		L
Granny Smith			D		L
Gravenstein rouge	Red Gravenstein Roter Gravensteiner		B		L
Gravensteiner	Gravenstein		D		L
Greensleeves			D		L
Il-varjanti tal-Holsteiner uCox	Holstein		D	R	
Holstein rouge	Holstein Aħmar Roter Holsteiner Cox		Ċ	R	
Honeycrisp		Honeycrunch®	Ċ		L
Honeygold			D		L
Horneburger			D		L
Howgate Wonder	Manga		D		L
Idared			B		L
Ingrid Marie			B	R	
Isbranica	Izbranica		Ċ		
Jacob Fisher			D		L
Jacques Lebel			D		L
Jamba			Ċ		L
Il-varjanti tal-James u Grieve			D		L
James Grieve rouge	James Grieve Aħmar		B		L
Jarka			CĊ		L
Jerseymac			B		
Jester			D		L

Varjetà	Sinonimi	Ismijiet kummerċjali	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Jonagold (2) u l-varjanti, per eżempju: Crowngold Daligo Daliguy Dalijean Jonagold 2000 Jonabel Jonabres King Jonagold New Jonagold Novajo Schneica Wilmuta	 Jonasty Jonamel Excel Fukushima Veulemanns Jonica		CĊ		L
Jonagored u l-varjanti, per eżempju: Decosta Jomured Jonagold Boerekamp Jomar JonagoredSupra Jonaveld Primo Romagold Rubinstar Jonaprince Aħmar	 Van de Poel Surkijn	 Early Queen® Marnica® First Red® Wilton's® Red Prince®	A		L
Jonalord			Ċ		
Jonathan			B		
Julia			B		
Jupiter			D		L
Karmijn de Sonnaville			C	R	L
Katy	Katja		B		
Kent			D	R	
Kidd's orange red			Ċ	R	
Kim			B		
Koit			Ċ		L
Krameri Tuvioun			B		
Kukikovskoje			B		
Lady Williams			B		L
Lane's Prince Albert			D		L
Laxton's Superb	Laxtons Superb		Ċ	R	
Ligol			B		L
Lobo			B		
Lodel			A		
Lord Lambourne			Ċ		

Varjetà	Sinonimi	Ismijiet kummerċjali	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Maigold			B		
Mc Intosh			B		
Meelis			B		L
Melba			B		
Melodie			B		L
Melrose			Ċ		L
Meridian			Ċ		
Moonglo			Ċ		
Morgenduft	Imperatore		B		L
Mutsu		Crispin®	D		L
Normanda			Ċ		L
Nueva Europa			Ċ		
Nueva Orleans			B		L
Odin			B		
Ontario			B		L
Orlovskoje Polosatoje			Ċ		
Ozark Gold			D		L
Paula Aħmar			B		
Pero de Cirio			D		L
Piglos			B		L
Pikant			B		L
Pikkolo			Ċ		
Pilot			Ċ		
Pimona			Ċ		
Pinova		Corail®	Ċ		
Pirella		Pirol®	B		L
Piros			C		L
Rafzubex		Rubinette® Rosso	A		
Rafzubin		Rubinette®	Ċ		
Rajka			B		
Rambour d'hiver			D		L
Rambour Franc			B		
Reanda			B		L
Rebella			Ċ		L

Varjetà	Sinonimi	Ismijiet kummerċjali	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Red Delicious u l-varjanti, per eżempju:			A		L
Erovan	Early Red One				
Fortuna Delicious					
Oregon	Oregon Spur Delicious				
Otago					
Red Chief					
Red King					
Red Spur					
Red York					
Richared					
Royal Red					
Shotwell Delicious					
Stark Delicious					
Starking					
Starkrimson					
Strakspur					
Topred					
Well Spur					
Dougherty Aħmar			A		
Rome Aħmar			A		
Redkroft			A		
Regal			A		
Regina			B		L
Reglindis			Ċ		L
Reine des Reinettes	Goldparmäne Gold Parmoné		Ċ		
Reineta Encarnada			B		
Reinette Canada duRouge			B		L
Reinette d'Orléans			D		L
Reinette Blanche du Canada	Reinette du Canada Canada Blanc Kanadarenette		D	R	L
Reinette de France			D		L
Reinette de Landsberg			D		L
Reinette grise du Canada	Graue Kanada-renette		D	R	L
Relinda			C		
Remo			B		
Renora			B		L
Resi			B		
Resista			D		L
Retina			B		L
Rewena			B		L

Varjetà	Sinonimi	Ismijiet kummerċjali	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Roja de Benejama	Verruga Roja del Valle Clavelina		A		
Rome Beauty	Belle de Rome Rome		B		
Rosana	Berner Rose-napfel		B		L
Royal Beaut			A		L
Rubin			Code en erreur: 8eV		L
Rubinola			B		L
Sciearly		Pacific Beauty™	A		
Scifresh		Jazz™	B		
Sciglo		Southern Snap™	A		
Sciray	GS48		A		
Scired		Pacific Queen™	A	R	
Sciros		Pacific Rose™	A		L
Selena			B		L
Shampion			B		L
Sidrunkollane Talioun			D		L
Sinap Orlovskij	Orlovski Sinap		D		L
Snygold	Earlygold		D		L
Sommerregent			Ċ		
Spartan			A		
Splendour			A		
St. Edmunds Pippin			D	R	
Stark's Earliest			Ċ		
Štaris	Staris		A		
Sturmer Pippin			D	R	
Sügisdessert			Ċ		L
Sügisjoonik			Ċ		L
Summerred			B		
Sunrise			A		
Sunset			D	R	
Suntan			D	R	L
Sweet Caroline			Ċ		L
Talvenauding			B		

Varjetà	Sinonimi	Ismijiet kummerċjali	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Tellisaare			B		
Tiina			B		L
Topaz			B		
Tydeman's Early Worce-ster	Tydeman's Early		B		L
Veteran			B		
Vista Bella	Bellavista		B		
Wealthy			B		
Worcester Pearmain			B		
York			B		

(1) B'minimu ta' 20% għall-Klassi I u l-Klassi II.
(2) Iżda, għall-varjetà Jonagold ta' l-inqas wieħed minn għaxra tal-wiċċ tal-frott fil-Klassi II għandu jkollu strixxi bil-kulur aħmar.